

Kawża C-237/07

Dieter Janecek

vs

Freistaat Bayern

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht)

“Direttiva 96/62/KE — Stima u mmaniġġjar tal-kwalità tal-arja
ċirkostanti — Iffissar tal-valuri limitu — Dritt ta’ terz li għarrab
ħsara għal saħħtu għat-tfassil ta’ pjan ta’ azzjoni”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta’ Lulju 2008 I - 6223

Sommarju tas-sentenza

1. *Ambjent — Stima u mmaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti — Direttiva 96/62
(Direttiva tal-Kunsill 96/62, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, Artikolu 7(3))*
2. *Ambjent — Stima u mmaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti — Direttiva 96/62
(Direttiva tal-Kunsill 96/62, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, Artikolu 7(3))*

1. L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62, dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' riskju li jinqabżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' particeffi finni PM_{10} jew il-limiti ta' twissija, l-individwi direttament ikkonċernati għandhom ikunu jistgħu jeħtieġu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jfasslu pjan ta' azzjoni, anki jekk huma jkollhom, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali, mezzi ta' azzjoni oħrajn sabiex jeħtieġu lil dawn l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri sabiex jiġi miġġieled it-tniġġis atmosferiku.
2. Fl-implementazzjoni tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62, dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, l-Istati Membri huma obbligati, suġġett għall-istħarriġ tal-qorti nazzjonali, li, fil-kuntest ta' pjan ta' azzjoni u fuq medda qasira ta' żmien, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju li jinqabżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' particeffi finni PM_{10} jew il-limiti ta' twissija u sabiex iseħħ ritorn progressiv għal livell iktar baxx minn dawn il-valuri jew limiti, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali u l-interessi konfliġġenti kollha.

(ara l-punt 42 u d-dispożittiv 1)

(ara l-punt 47 u d-dispożittiv 2)